# Il-Ħadd 13.03.2016

1. Illum 13/03, **il-Ħames Ħadd tar-Randan**:
   - Kampanja ta' Karità permezz ta' bejgħ ta' Kejkijiet b'risq Puttinu Cares ikkoordinata mill-Grupp Miżżewġin 2000 fuq iz-zuntier tal-knisja.
   - Infakkar li għandna qfif madwar l-altar biex inġibu affarijiet li wara jingħataw lis-Segretarjat Assistenza Soċjali tal-Azzjoni Kattolika biex b'ġest ta' Karità u għajnuna jingħataw lill-persuni fil-bżonn.
2. It-Tlieta 15/03:
   - Fid-9:30am - Laqgħa tal-Kelma tal-Ħajja għand is-Sorijiet Dumnikani.
3. L-Erbgħa 16/03: *Għal min jixtieq, speċjalment għaż-Żgħażagħ*
   - Pellegrinaġġ għas-Salib tal-Għolja: Nibdew bil-Quddiesa tas-6:30pm fil-knisja tagħna, u wara, għas-7:15pm, nitilqu għas-Siġġiewi fejn nitilgħu lejn is-Salib tal-Għolja waqt li nagħmlu riflessjonijiet u talb. Min bi ħsiebu jiġi jinkiteb fis-Sagristija u jara li jġib *torch*.
4. Il-Ħamis 17/03**, Lejliet id-Duluri, Jum iddedikat għar-Rikonċiljazzjoni**:
   - *Filgħodu - Qabel u wara l-ħin tal-quddies.*
   - *Filgħaxija - Mill-4:30pm 'il quddiem.*
   - Fis-5:45pm - Ċelebrazzjoni ta' Maħfra mmexxija minn tal-MUSEUM.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa li matulha jibqa' għaddej il-qrar.

   *N.B.* ***Naħsbu għal Qrara tajba u ma nħalluhiex għal nhar id-Duluri minħabba li aħna, s-saċerdoti jkollna quddies aktar mis-soltu u ma nkunux daqshekk disponibbli.***
5. Il-Ġimgħa 18/03, **Festa Devozzjonali tad-Duluri**:
   - *Filgħodu:-* Mis-7:00am sat-7:40am - Qrar
     Fit-7:45am - Quddiesa
   - *Filgħaxija:-* Mill-4:30pm 'il quddiem - Qrar
     Fil-5:30pm - Quddiesa
     Fis-6:30pm - Purċissjoni li tgħaddi minn:
     Misraħ il-Knisja, Triq San Pawl, Triq San Ġużepp, Triq San Ġorġ,
     Triq Ħlantun, Trejqet it-Twemmin, Triq San Tumas, Triq Ta' Ġawhar,
     Triq l-Iskola, Triq iż-Żurrieq, Misraħ il-Knisja għall-Knisja Parrokkjali.
     Wara l-Purċissjoni - Quddiesa kantata.
6. Is-Sibt 19/03, **Solennità ta' San Ġużepp, ir-Raġel ta' Marija, Omm Alla**:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
7. Il-Ħadd 20/03, **Ħadd il-Palm**:
   - Fit-8:00am - Nitilqu mill-Knisja, u ninġabru fuq iz-zuntier tal-knisja ta' Santa Marija.
   - Fit-8:15am - Jitbierek iż-żebbuġ u tingħata bidu għall-Purċissjoni li tgħaddi minn:
     Triq Santa Marija, Triq il-Kenn Triq il-Menqa, Triq l-Iskola,
     Triq Dun Ġużepp Caruana, Misraħ il-Knisja, għall-Knisja Parrokkjali.
   - Fit-8:30am - Inkomplu bil-quddiesa.
     Infakkru lit-tfal tal-katekiżmu biex iġibu l-Karus ta' Mħabba magħhom.
8. Avviżi oħra:
   - Min jixtieq jerfa' fid-Duluri mitlub jidħol jinkiteb fis-Sagristija.
   - Matul dawn il-jiem ser jibda jkollna xi wirjiet marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa li jibdew mill-Ġimgħa 18/03. Tajjeb li nsibu ħin inżuruhom:
     - Il-Wirja mtella' mis-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Każin San Pawl fiċ-Ċentru Parrokkjali;
     - Il-Wirja mtella' f'garaxx nru 32, Triq Dun Ġużepp Caruana.
9. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 285 bħala ġabra speċjali li saret b'risq il-manutensjoni tal-knisja u r-restawr tal-bankun u tan-niċċa ta' San Pawl. Grazzi mill-qalb.